# Il-Kwadru Titulari ta' San Ġiljan Ospitalier

***Niki Papagiorcopulo jagħti ħarsa lejn studju ġdid tal-Professur Mario Buhagiar li qed jiġi riprodott hawn bil-permess ġentili tal-awtur filwaqt li jżid xi noti storiċi tiegħu biex jikkumplimenta dan l-istudju.***

Fl-edizzjoni tal-annwal 'Lapsi' tas-sena li għaddiet ittrattajna l-160 anniversarju mill-miġja ta' kwadru titulari ġdid għall-Knisja ta' San Ġiljan.[1] Nhar l-14 t'Awwissu 1855, tqiegħed f'postu wara l-altar maġġur kwadru titulari li kien jirrappreżenta l-Assunzjoni tal-Imqaddsa Verġni Marija fis-Sema, xogħol il-pittur Malti Antonio Falzon (1805-1865).[2] Dan il-kwadru kien jirrappreżenta l-Verġni Mbierka meħuda fis-sema, imdawwra b'kuruna ta' kori ta' anġli, filwaqt li fil-parti t'isfel kellu rraffigurati l-Patrun ta' Malta San Pawl u maġenbu San Ġiljan Ospitalier mitluf f'estasi ta' kontemplazzjoni għall-misteru tal-Assunzjoni. Il-kwadru kien rigal tat-Tabib tad-Distrett (jew '*Medico di Pulizia*') Dr Michele Parnis M.D., li kien prokuratur tal-knisja. Rajna kif id-devozzjoni lejn il-Madonna wasslet biex inbidel it-titular tal-knisja u kif kienet bdiet tiġi ċċelebrata l-festa ta' Santa Marija, kemm fil-knisja u saħansitra b'mod estern, bil-mixegħla, il-logħob tan-nar u l-ġostra.

Madankollu, rajna kif dan il-kwadru ma kellux idum jitgawda fil-knisja. Dan għaliex, meta San Ġiljan wasal biex isir parroċċa x-xewqa tal-poplu jidher li kienet li t-titular jerġa' lura għal San Ġiljan Ospitalier u Konfessur. Id-devozzjoni lejn dan il-qaddis kienet bdiet fi ħdan din il-knisja kważi 300 sena qabel u din tat l-isem lil dawn l-inħawi. Għaldaqstant San Ġiljan reġa' sar it-titular tal-knisja. Iżda wieħed jistaqsi: sar kwadru titulari ġdid għall-Knisja issa Parrokkjali? Jew reġa' tpoġġa dak li kien hemm qabel? U jekk le, x'sar mill-kwadru li kien hemm qabel?

F'apprezzament kritiku li għamel fil-pubblikazzjoni 'San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa 1891-1991', il-Professur Mario Buhagiar jgħid li l-kwadru titulari preżenti tpoġġa minflok dak ta' Antonio Falzon fil-bidu tas-Seklu XX, u li ma hemmx informazzjoni fuq minn fejn seta ġie. Huwa jżid jgħid li dan kien iżgħar fid-daqs, iżda tkabbar sabiex jitpoġġa fil-frontispizju tal-lum. Filwaqt li jsostni li dan il-kwadru huwa xogħol pittur mhux magħruf tal-bidu tas-Seklu XIX, huwa jattribwixxi x-xogħol ta' tkabbir lil Carmelo Debono (1871-1929), li fil-bidu tas-Seklu XX kien qed ipitter id-dekorazzjonijiet tat-troll tal-korsija tal-knisja. Waqt ix-xogħol ta' restawr fuq is-saqaf inkixef kif dan ix-xogħol huwa fil-fatt iffirmat u ddatat 1911. Dan għalhekk jista' jidher li jikkonferma din it-teżi. Il-Professur Buhagiar isostni li filwaqt li Debono kien kompetenti fid-disinn u d-dekorazzjoni tal-għamara tal-knejjes ma kienx imħarreġ fl-arti u għalhekk l-intervent li seta' għamel fuq il-kwadru ta' San Ġiljan

ma kienx wieħed feliċi, b'kuntrast mal-partijiet oriġinali tat-tila li huwa jiddeskrivi bħala 'xogħol sodisfaċenti u magħmul b'ċertu ħila'. Buhagiar saħansitra jazzarda sabiex jagħti żewġ ismijiet ta' artisti li setgħu pittru dan il-kwadru u jgħid li għalkemm ma kienx hemm elementi biżżejjed li setgħu jwasslu għal attribuzzjoni ċerta, il-kwadru kellu mix-xogħol ta' Salvatore Busuttil (1798-1854), kif ukoll ta' Pietru Pawl Caruana (1794-1852).[3]

**Studju Ġdid mill-Professur Buhagiar: 'Żewġ Pitturi għall-Knejjes tal-Patrijiet: Il-Verġni Marija tal-Porto Salvo u Santa Marija ta' Ġesù'.**

Buhagiar,[4] fi studju ppubblikat f'pubblikazzjoni bit-titlu '*Scientia et Religio Studies in memory of Fr George Aquilina OFM (1939-2012) Scholar, Archivist and Franciscan Friar*', jitfa' dawl ġdid fuq il-kwadru ta' San Ġiljan u jagħmel attribuzzjoni oħra.[5] L-istudju jitratta żewġ kwadri għall-knejjes tal-patrijiet mendikanti: il-kwadru titulari tal-Madonna tal-Porto Salvo li sar għall-knisja taħt l-istess titlu mmexxija mill-Ordni tal-Predikaturi, li llum tinsab fil-Knisja Parrokkjali tal-Madonna ta' Stella Maris f'Tas-Sliema, u l-kwadru titulari tal-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù mmexxija mill-Ordni tal-Franġiskani Minuri. Il-parti tal-istudju li tikkonċerna l-inkwadru aħħari hija ta' interess partikolari għalina. Buhagiar jgħidilna li din hija xogħol ta' Antonio Catalano (1560-1630) li ffirmaha u ddataha '*Antonius Catalanus Messinesis pinxit 1600*'.



*Il-kwadru titulari tal-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù, il-Belt Valletta, li tpitter fl-1600 minn Antonio Catalano.*

Il-pittura, li għandha kompożizzjoni miżgħuda bil-figuri, li iżda huma maħsuba u rrafigurati b'mod intelliġenti u armonjuż, turi diversi qaddisin miġbura biex jassistu għall-avveniment mistiku. Dan l-avveniment isir fuq sfond liriku ta' arkitettura finta mżejna b'purtieri dekorattivi li jisfumaw f'pajsaġġ ta' ħdura u f'passaġġi ta' ġmiel poetiku li jilħu l-qofol tagħhom f'kor ta' anġli. Buhagiar jgħidilna li l-istil Mannerista (stil li żviluppa fis-snin tardivi tar-Rinaxximent madwar 1520 sa madwar l-1580 fl-Italja) u x-xogħol mirqum huma sinteżi ta' żewġ influwenzi kbar fuq ix-xogħol ta' Antonio Catalano: il-linji mgħawġa, l-immaġinazzjoni, l-enerġija u l-vitalità ta' Polidoro da Caravaggio (ċ.1499-1543) u fl-istess ħin, il-kuluri sbieħ u li jolqtu l-għajn flimkien mal-istil meqjus ta' Federico Barocci (1528-1612), li jiġu flimkien fi stil li jfakkar lil Antonio de Correggio (1488-1534).

Fil-parti t'isfel tal-kwadru hemm irrappreżentati l-Madonna u l-Bambin bilqiegħda fuq tarġa għolja, akkumpanjati minn Sant'Eliżabetta u t-tfajjel San Ġwann il-Battista filwaqt li Santa Katerina, il-martri ta' Lixandra, hija rrappreżenta fuq in-naħa tal-lemin għarkupptejha f'inkin grazzjuż biex tirċievi ċ-ċurkett tal-għerusija. Is-simboli marbuta magħha, fosthom ix-xabla, ir-rota mkissra u kolonna huma rrappreżentati b'prominenza taħt il-podju. Il-qaddisin Verġni Luċija, Barbara u Agata jattenduha fuq il-lemin tagħha u huma bbilanċjati b' San Franġisk t'Assisi u San Plaċidu fuq in-naħa l-oħra tat-tila. Wieqaf wara l-Madonna wieħed jara lil San Ġużepp immudellat b'awtorità, b'idejh merfugħa lejn wieħed mill-anġli, b'mod li joħloq linja djagonali li hija waħda mill-karatteristiċi permanenti tal-kompożizzjonijiet f'għamla ta' piramida.

**Antonio Catalano**

Fl-istudju tiegħu, il-Professur Buhagiar isemmi żewġ awturi li kitbu biografija ta' Antonio Catalano: Francesco Susinno u Giuseppe Grosso Cacopardo. Tal-ewwel, fil-ktieb tiegħu '*Vite de Pittori Messinesi*', miktub madwar is-sena 1726 jagħmel aċċenn għall-fatt li Mattia Preti wera ammirazzjoni lejn dan il-kwadru li fuqu tkellimna, bħala xogħol '*di notevole bellezza*' u żied li *'il neo si fosse il simiglio delle idee'*. Teżisti l-possibbilità li din tpittret Malta stess għaliex il-bijografu jaċċenna għall-fatt li Catalano kien impenjat Malta. Jekk dan hu l-każ din il-pittura saret fl-istess sena tal-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju li hemm fid-Duomo ta' Acireale, iffirmat u ddatat 1600. Iż-żewġ pitturi għandhom x'jgħaqqadhom kemm fl-istil u fil-kompożizzjoni.


*Is-Sagra Familja u Sant'Anna, żejt fuq it-tila. Xogħol ta' Antonio Catalano (1599).*

Sors ieħor essenzjali dwar il-ħajja ta' Catalano, huwa l-Avukat Messiniz u Storiku tal-Arti Giuseppe Grosseto Cacopardo, li ippubblika '*Memorie*' fl-1821. Kemm Susinno u Cacopardo huma importanti ħafna minħabba t-telf ta' dokumentazzjoni prezzjuża fit-terremot f'Messina fl-1908.

Catalano twieled Messina madwar is-sena 1560, kif jaċċenna l-istess Susinno. Kien ta' oriġini umli u għall-ewwel kien jaħdem il-kalzetti, kif kien jagħmel missieru.[6] Beda l-apprentistat tiegħu fil-pittura mal-pittur Naplitan Teodato Guinaccia, imma ħares b'attenzjoni lejn l-aktar personalità importanti f'Messina f'dak iż-żmien – jiġifieri Polidoro da Caravaggio. Dan huwa kkonfermat mill-kopja li huwa għamel tan-

Nattività ta' Polidoro, li fiż-żmien kienet fil-Knisja ta' Santa Marija t'Altobasso u li issa tinsab fil-Mużew Nazzjonali ta' Messina. Catalano ltaqa' ma' pittur Ġiżwita u daħal jaħdem miegħu fejn saħansitra segwieh Ruma fejn ġie f'kuntatt mal-Manneriżmu b'influwenza Raffaelleska, li huwa aġġorna bil-kuluri vivaċi ta' Barocci, li tiegħu kien alliev (skont Susinno). Ċentrali, għall-formazzjoni ta' Catalano, kienet il-laqgħa li kellu ma' Barrocci meta dan tal-aħħar kien qed jerġa' jżur Ruma waqt il-pontifikat tal-Papa Girgor XIII, biex ipitter il-kwadri tal-Viżitazzjoni tal-Verġni Marija u l-Preżentazzjoni tal-Verġni Imbierka għall-Knisja ta' Santa Marija in Vallicella, magħrufa bħala *'Chiesa Nuova'*. Dawn il-pitturi ġew ammirati bil-bosta u baqgħu jinħassu fil-pitturi ta' Catalano.

Susinno jsostni li Barocci seta' daħħal lil Catalano bħala student jew assistent tiegħu. Hemm possibbilità li dan ukoll żar Bologna fejn jista jiġi identifikat ma' ċertu Antonio Cattalani (jew Catellani), magħruf bħala 'il Romano' li jiġi msemmi minn Caro Cesare Malvesia (1616 – 1623) fil-kitba tiegħu *'Felsina pittrice'* (1686).

Mill-ħidma li huwa wettaq fi Sqallija, fejn irritorna fl-1598 u fejn kellu bottega mpenjata ħafna, baqgħu kkonservati diversi kwadri, għalkemm jidher li l-ammont ta' kwadri li huwa kien pitter kien ħafna akbar minn dan. Hafna minnhom intilfu fit-terremot imsemmi aktar 'il fuq. Fost dawk li għadhom jitgawdew sal-lum insibu l-*Verġni Marija u Sant'Anna* għall-Knisja tal-Franġiskani Konventwali f'Ċefalu, *Il-Madonna tal-Anġli* fil-Knisja tal-Patrijiet Kapuċċini f'Castelbuono u oħra fuq l-istess tema fil-Knisja ta' San Franġisk f'Sant'Angelo di Brolo. Opri oħra tiegħu jinsabu ikkonservati f'Castanea, Taormina u Alì. Il-pitturi tiegħu kienu importanti għall-kultura ta' Manneriżmu Ruman li ħejja t-triq għall-esperjenza rivoluzzjonarja ta' Caravaggio li segwiet.

Skont Susinno, Catalano miet fl-1630 u ġie midfun fil-Knisja tal-Konfraternità ta' Santu Rokku f'Messina. Madankollu, Buonfiglio Costanzo, li ippubblika l-gwida tiegħu fl-1606, jsostni li Catalano kien diġa mejjet dak iż-żmien. Il-fatt li x-xogħlijiet tiegħu li għadhom jeżistu huma ddatati qabel l-1604 jistgħu jiffavorixxu din it-tieni teżi. Catalano kellu iben, li kien ukoll pittur, Antonio Catalano ż-żgħir (1583-1666).[7]

**It-Titular ta' San Ġiljan: Kwadru ta' Antonio Catalano?**

Fi tmiem dan l-istudju l-Professur Buhagiar jagħmel osservazzjoni li hija ta' interess prinċipali għalina. Huwa jgħid li l-kwadru titulari tal-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù jinkludi arma eraldika ta' Kavallier Ospitalier. Giuseppe Grosseto Cacopardo sostna li Catalano żar Malta qabel ma rritorna definittivament lejn Sqallija. Jekk dan huwa l-każ huwa probabbli li ħadem fuq il-pittura f'Malta stess u li seta' ħadem fuq kummissjonijiet oħra waqt li kien Malta.

Il-Professur Buhagiar iżid, li l-Fra Kapuċċin Padre Pelagio, li ġeneralment huwa jdentifikat ma' Bartolomeo Mifsud (1707-1781), fil-bijografiji tiegħu ta' artisti attivi f'Malta, *Uomini Illustri di Malta*, magħruf lilna permezz ta' verżjoni annotata tal-Konti Saverio Marchese[8], jitkellem dwar pittura ta' San Ġiljan Konfessur li Catalano pitter għall-Knisja tal-istess qaddis fir-raħal marittimu ta' San Ġiljan:

'Mir-rapport tal-1596 taż-żjara pastorali ta' Mons. Gargallo f'Birkirkara, niġu mgħarfa fuq il-pittura antika ta' San Ġiljan, titular tal-knisja rurali tad-distrett magħruf '*Calette*' qrib xatt il-baħar, illum magħrufa bħala San Ġiljan, li kienet mibnija sena qabel l-istess żjara, jiġifieri fl-1595. Il-knisja ġiet mibnija sussegwentament taħt l-Isqof Cagliares fl-1615 u hi mgħammra b'opri devozzjonali. Fuq l-istess pittura, wieħed jaqra dawn l-iskrizzjonijiet: '*Hoc Opus Devotionis Gratia Fratris Johannes de Terracourt de Thors, et Ruel sumptibus factum*', u taħtha: '*Antonius Catalanus me cumensis pincere 1596*'.

Il-Professur Buhagiar jgħidilna li għalkemm Padre Pelagio mhuwiex dejjem korrett storikament, normalment huwa infurmat tajjeb fuq l-istorja tal-arti. Ir-riċerka li għaddejja, ħafna drabi, tipprova li huwa korrett u dan jagħmel it-test '*Uomini Illustri Di Malta*' għodda indispensabbli għal dawk li jaħdmu fuq l-istorja tal-arti Maltija. Huwa probabbli li dan ikkopja l-iskrizzjonijiet huwa stess u ma hemmx raġuni għalfejn wieħed għandu jiddubita l-awtentiċità tagħhom.

Buhagiar isostni li din hi l-istess pittura li għadha tiddomina l-kor tal-Knisja ta' San Ġiljan bħala titular tal-istess knisja, iżda l-iskrizzjonijiet ġew mitflufa u l-pittura soffriet minn diversi interventi xejn feliċi. Huwa jkompli billi jsostni li l-attribuzzjoni li għamel fl-1992 kienet kompletament żbaljata u li l-pittura ma għandha xejn x'taqsam ma' Salvatore Busuttil u Pietro Paolo Caruana, kif ukoll mas-Seklu XIX. Huwa tal-fehma li l-istil ħafif ta' Catalano għadu jinħass fil-passaġġi tal-pittura li ġew meħlusa minn dawn l-interventi infeliċi għall-aħħar. Il-pittura kienet iżgħar milli hi llum. L-awtur ta' dan l-istudju jgħid li din soffriet l-aktar intervent trawmatiku bil-bidu tas-Seklu XX minn idejn Carmelo Debono (1871-1929) li kabbarha sabiex toqgħod fil-prospettiva l-ġdida tal-altar. Huwa jmur pass oltre u jgħid li l-iskrizzjonijiet probabbilment ġew mitlufa f'dan iż-żmien. Jerġa' jsostni li l-agħar bidla fl-intervent ta' Debono kienet iż-żieda tal-anġlu kabbari bl-iskrizzjoni '*Redemit te Charitas*' jittajjar fuq il-figura ta' San Ġiljan.

Fl-aħħar tal-istudju, Buhagiar jasal biex jispekula li r-relazzjoni bejn Fra Johannes de Thors et Ruel u Catalano setgħet marret lil hinn minn waħda każwali fejn devot ikkummisjona kwadru titulari għall-knisja ġdida ddedikata lil dan il-qaddis. Fin-nuqqas ta' dokumentazzjoni, Buhagiar iħoss li huwa leġittimu li wieħed jipotizza li dan seta kien il-patrun ta' Catalano kemm dam Malta u li seta' juża l-influwenza tiegħu sabiex Catalano jiġi ikkummissjonat xogħlijiet, fi żmien fejn ix-xena tal-arti f'Malta kienet iddominata minn Filippo Paladini. Il-pittura tal-Franġiskani Minuri setgħet kienet frott il-pariri jew il-ġenerożità tiegħu. Jekk dan huwa l-każ jista' jkun li l-arma eraldika hija dik ta' kunjomu.

**Il-Kwadru ta' San Ġiljan imsemmi fir-Rapporti taż-Żjajjar Pastorali**

Fi studju li għamilt fuq Ġrajjet il-Knisja ta' San Ġiljan, li qed jiġi ippubblikat f'din il-pubblikazzjoni 'Lapsi', semmejna kemm-il darba kwadru ta' San Ġiljan, li kien jissemma fi żjajjar pastorali li kienu jagħmlu l-Isqfijiet ta' Malta u l-prelati tagħhom fil-Parroċċa ta' Birkirkara u l-knejjes filjali tagħha, fosthom dik ta' San Ġiljan. Harsa lejn uħud mir-rapporti ta' dawn iż-żjarat jistgħu jagħtuna informazzjoni importanti fuq il-kwadru titulari ta' San Ġiljan.

Dan il-kwadru jissemma sa mill-ewwel viżta pastorali dokumentata fil-Knisja ta' San Ġiljan Konfessur, fil-post imsejjaħ 'tal-kaletti'. Din saret mill-Isqof Spanjol Tommaso Gargallo fl-1601,[9] u mhux fl-1596, kif isostni Padre Pelagio. L-Isqof ta' Malta kien akkumpanjat minn Don Filippo Borg, Kappillan tal-Parroċċa ta' Santa Elena ta' Birkirkara, f'liema territorju kienet taqa' l-imsemmija knisja. Gargallo jsemmi li l-kappella nbniet '*m'hiliex, sewwa sew fejn kien hemm il-knisja l-qadima*', permezz tal-offerti li saru mid-devoti tal-qaddis. Hu jsemmi wkoll ikona sabiħa u devota tal-istess qaddis fuq l-artal il-maġġur: '*In maiori est Jcona euisdem Sancti admodum decens et decora*...'



*L-Isqof Baldassere Cagliares, li fir-rapport taż-żjara pastorali tiegħu fil-Knisja filjali ta' San Ġiljan fl-1616 isemmi l-benefattur tal-kwadru: Fra Johannes de Terracourt.*

Iż-żjara pastorali tal-1616 tal-Isqof Cagliares hija wkoll ta' importanza għall-finijiet tal-istorja tal-kwadru titulari tal-Knisja ta' San Ġiljan. Dan għaliex fir-rapport ta' din iż-żjara, il-prelati tal-Isqof jagħtuna aktar dettalji fuq din ix-xbieha, u bħal ħafna viżitaturi ta' warajhom ma jonqsux li jikkummentaw fuqha. Ir-rapport jispeċifika li din kienet impittra fuq tila mdaħħla f'ġwarniċ tad-deheb u li kellha fuqha arma jew stemma. Cagliares jgħidilna wkoll li l-kwadru sar bil-flus ta' '*Fra Iohannes de Terracourt Commissarius de Thors e Ruel*', frott tad-devozzjoni li kellu. Dan huwa punt interessanti għaliex jikkonferma dak li iddokumenta l-Fra Kapuċċin Padre Pelagio fil-kitba tiegħu '*Uomini Illustri di Malta*'. Hija stramba kif ġie iddokumentat biss il-benefattur u mhux l-awtur tal-pittura. Madankollu hawnhekk għandna konferma li bħat-titular tal-Knisja ta' San Marija ta' Ġesù tal-Mendikanti Osservanti, din il-pittura kellha stemma eraldika. Dan jista' jkompli jsaħħaħ it-teżi tal-Professur Buhagiar li dan kien il-benefattur taż-żewġ kwadri u patrun ta' Catalano. Il-fatt li żewġ sorsi qed jaqblu fuq l-isem tal-benefattur huwa wkoll fatt mhux ta' min jinjorah. Din huwa l-unika rapport ta' żjara pastorali li jagħmel aċċenn għall-isem ta' dan il-benefattur tal-kwadru.

Il-kwadru jisemma wkoll fir-rapporti tal-viżta li l-Isqof Balaguer Camarasa għamel fil-Knisja rurali ta' San Ġiljan nhar it-2 ta' Mejju 1637. Bħal dawk ta' qablu Balaguer isemmi li għall-qima, fuq l-artal tal-ġebel kien hemm xbieha '*eleganti*' tal-qaddis f'gwarniċ miżbugħ ikħal u ndurat bid-deheb. Għotjiet ta' wegħdiet kienu mdendla mal-partijiet kollha tal-knisja. Dan jixhed id-devozzjoni li kellu l-qaddis irrappreżentat f'dan il-kwadru.[10] Din id-devozzjoni, kif ukoll il-ġmiel li jsaħħar ta' dan il-kwadru, kienu kkonfermati wkoll mill-prelati ta' Monsinjur Michele Giloramo Molina, li ġie innominat Isqof għal Malta f'April tas-sena 1678.[11] Iż-żjara pastorali li dan l-Isqof għamel fil-Knisja ta' San Ġiljan bejn l-1678 u l-1680 tfornina b'dettalji ġodda fuq il-qagħda tal-knisja fl-aħħar kwart tas-Seklu XVII, filwaqt li tikkonferma dettalji fosthom fuq il-kwadru ta' San Ġiljan fuq l-altar il-maġġur.[12]

L-Isqof Michele Girolamo Molina kellu jkun l-aħħar Isqof li jżur lil din il-knisja, għaliex is-

suċċessur tiegħu kellu jsib knisja ġdida mibnija mis-sisien. Permezz ta' att notarili tas-6 ta' Marzu 1682, li sar quddiem il-Manifku Pietru Attard, l-imgħallem Bartilmew Camilleri ntrabat li jwaqqa' l-Knisja ta' San Ġiljan fil-limiti tal-Parroċċa ta' Birkirkara u jibni oħra akbar flokha fuq pjanta tal-Perit Vincenzo Casanova. Din il-knisja kellha tinbena biex titkabbar id-devozzjoni lejn San Ġiljan, kif ukoll frott tal-istess devozzjoni, minn għotja (*ex sua devotione)* ta' Baldassare Ciantar.[13] Ciantar kellu jħallas l-ispejjez kollha marbuta mal-proġett, wara dawk li tħallsu mill-Prokuraturi tal-Knisja Don Lorenzo Ħaxixa u Domenico Gat (li ma kellhomx jaqbżu l-120 skud). Il-bini tal-knisja jidher li tlesta fl-1683, għaliex fil-21 ta' April ta' din is-sena tħallas l-aħħar pagament (il-bilanċ tax-xogħlijiet) u dan ġie iddokumentat fl-atti tal-istess Pietru Attard.

Kien l-Isqof Davide Cocco Palmieri li żar il-knisja l-ġdida għall-ewwel darba, nhar il-21 ta' Mejju 1687[14] bħala parti mill-viżta li kien qed jagħmel lill-knejjes rurali fil-limiti tal-Knisja Parrokkjali u Kolleġġjata ta' Birkirkara. Ir-rapport tal-viżta ma jsemmix meta nbniet il-knisja, u lanqas jagħmel aċċenn għall-fatt li kienet ġdida. Madankollu jikkonfermalna li l-kwadru sab postu fil-knisja l-ġdida, fi gwarniċ tal-injam indurat bid-deheb u mdawwar bl-*ex voto* li nies offrew għall-grazzji maqlugħa, hekk kif kien fil-knisja ta' qabel. Iżda dan ma kellux idum jitgawda fil-knisja l-ġdida għaliex din tal-aħħar ma soffrietx xorti tajba.

F'Ġunju tal-1723, madwar biss erbgħin sena wara l-bini tal-knisja l-ġdida ta' San Ġiljan, l-Isqof Gori Mancini żar il-Knisja rurali ta' San Ġiljan fuq għolja ħdejn qala fil-baħar.[15] Din sabha fil-periklu li taqa' bċejjeċ. Għalhekk ordna li ma jsirux fiha funzjonijiet reliġjużi sakemm tibena mill-ġdid mill-pedament. Dan kien ifisser li l-knisja kellha tingħalaq u li l-obbligi tal-festi tat-tliet altari li kellha: il-maġġur, l-Axxenzjoni u Sant'Anna, u l-quddies fl-altar ta' San Ġiljan minn dik il-ġurnata 'l quddiem, kellhom jiġu mwettqa fil-Knisja Parrokkjali u Kolleġġjata ta' Birkirkara. Il-pitturi ta' fuq l-artali u l-armar kollu tal-istess artali kellhom jiġu trasferiti għall-istess Knisja Parrokkjali. Saħansitra l-lampiera kellhom jiġu mixgħula quddiem dawn ix-xbihat fil-Kolleġġjata, kif sal-ġurnata kienu jinxtegħlu fil-knisja filjali ta' San Ġiljan. Dan ifisser li l-kwadru għamel żmien għall-qima fil-Knisja Parrokkjali ta' Birkirkara.

Wara l-mewt ta' Gori Mancini f'Augusta, Sqallija f'Lulju tal-1727, il-Papa Benedittu XIII innomina lil Paolo Alpheran De Bussan bħala Isqof ta' Malta f'Marzu tal-1728.[16] Nhar id-19 ta' Diċembru 1729, bħal parti miż-żjara li kien qed jagħmel fil-Parroċċa ta' Birkirkara, l-Isqof u l-prelati tiegħu marru fil-knisja rurali ta' San Ġiljan, li 'ġiet mibnija mill-ġdid mill-pedament dan l-aħħar'.[17] Ir-rapport taż-żjara jikkonferma li din il-knisja nbniet



*L-Isqof Alpheran de Bussan, fir-rapport taż-żjara pastorali tiegħu fil-Knisja filjali ta' San Ġiljan fl-1728 jikkonferma li l-kwadru tpitter fl-1596.*

fuq ordni li ngħatat mill-Isqof Gori Mancini, fil-viżta tiegħu tal-21 ta' Ġunju 1723. Dan ineħħilna kull dubju dwar il-fatt li l-ordni li ta l-Isqof kienet fil-fatt ġiet esegwita u li kien De Bussan li żar il-knisja l-ġdida għall-ewwel darba. Ir-rapport tal-viżta jagħti deskrizzjoni dettaljata tal-għamla tal-knisja u tal-fundazzjonijiet u l-piżijiet tagħhom, li issa bdew jerġgħu jiġu mwettqa fil-knisja l-ġdida. De Bussan jagħtina informazzjoni importanti fuq il-kwadru ta' San Ġiljan. Ir-rapport taż-żjara jafferma li l-kwadru kien antik ħafna, u li kien imdaħħal ġewwa spażju fil-ħajt u mdawwar b'gwarniċ tal-injam ikkulurit. De Bussan iżid li dan tpitter fl-1596.

Din id-data wkoll taqbel ma' dik mogħtija minn Patri Pelagio. Mela miż-żjara ta' Cagliares fl-1616 għandna konferma tal-benefattur, filwaqt li miż-żjara ta' De Bussan fl-1728 għandna konferma tas-sena li fiha tpitter il-kwadru. Madankollu għal darb'oħra m'għandiex konferma ta' min kien l-artist. Huwa stramb kif dan ma ġiex innotat fiż-żjajjar pastorali meta Patri Pelagju jgħidilna l-kwadru kellu żewġ skrizzjonijiet – waħda li tinnota l-benefattur u oħra l-artist u d-data. Madankollu għal darb'oħra għandna żewġ sorsi ta' min joqgħod fuqhom li jikkonfermaw id-data li fiha tpitter il-kwadru.

Il-fatt li din il-pittura tissemma f'din il-viżta jurina wkoll li din kienet inġiebet lura mill-Kolleġġjata ta' Birkirkara wara li nbniet il-knisja l-ġdida. Ir-rapport tal-viżta jgħidilna wkoll li l-Isqof De Bussan ta ordni biex il-pittura tiġi rrestawrata fin-naħa t'isfel. Għaldaqstant hawn insibu ddokumentat għall-ewwel darba intervent li seta' seħħ fuq dan il-kwadru. M'għandiex konferma li dan ix-xogħol twettaq, madankollu r-rapport taż-żjara tal-Isqof Rull fil-knisja ta' San Ġiljan bejn l-1758 u l-1760[18] jikkonfermalna li l-kwadru titulari riċentement kien tqiegħed f'gwarniċ ġdid tal-ġebel imbuzzat. Dan jista' jagħti ħjiel li r-restawr kien sar u wara l-kwadru iżżejjen b'gwarniċ ġdid, għalkemm fin-nuqqas ta' dokumentazzjoni din hija biss suppożizzjoni. L-istess dekorazzjoni jaċċenna għaliha r-rapport taż-żjara tal-Isqof Labini fl-1781.[19]

Dan ifisser li l-kwadru kien f'postu sal-aħħar tas-Seklu XIX, tliet mitt sena wara li tpitter.

## Il-Kwadru Titulari jitwarrab u jerġa' jsib Postu wara 39 Sena

Meta San Ġiljan sar viċi-parroċċa fl-1849, jidher li bdew preparamenti sabiex it-titular jinbidel għal Santa Marija.[20] X'wassal għal din il-bidla fit-titular ma nistgħux ngħidu fiċ-ċert. Patri Alexander Bonnici jattribwixxi din il-bidla għal deċiżjoni ta' Dun Ġużepp Xerri, Viċi-Kappillan.[21] Madanakollu fir-riċerka tiegħi, qatt ma sibt xi riferenza għal dan u lanqas xi devozzjoni partikolari li Xerri kellu lejn l-misteru tal-Assunzjoni. Nistgħu nispekulaw li dan it-tibdil kien frott tal-entużjażmu li tqajjem meta fl-1848, l-Isqof Sant, bl-approvazzjoni tal-Knisja u ta' Ruma, iddikjara lill-Verġni Marija Mtellgħa s-Sema bħala Patruna Speċjali tal-Gżejjer Maltin.[22] Dan wassal sabiex fl-1855 ġie inawgurat kwadru titulari ġdid li kien jirrappreżenta l-Assunzjoni tal-Verġni Marija b'San Pawl u San Ġiljan minn idejn Antonio Falzon u minn għotja ġeneruża tal-Prokuratur tal-Knisja Dr Michele Parnis.[23] Bdiet tiġi ċċelebrata wkoll il-festa ta' Santa Marija kemm ġewwa l-Knisja u kemm b'mod estern.[24] Il-knisja wkoll ħadet dan it-titlu, tant li Achille Ferris jirreferi għaliha bħala '*Chiesa dell'Assunzione di Maria Vergine*'.[25]

Madankollu jidher li x-xewqa tal-poplu kienet li l-knisja tibqa' ddedikata lil dak il-qaddis li sa mill-qedem intgħażel bħala protettur u li ta ismu lill-inħawi. Fl-1877 insibu li l-festa ta' San Ġiljan ġiet iċċelebrata kemm ġewwa l-knisja u kemm b'mod estern. Ġewwa l-knisja l-mużika kienet taħt id-direzzjoni tas-Surmast Malfiggiani. Barra saret il-mixegħla, logħob tan-nar, il-ġostra u marċi mill-Banda *Nazionale Vincitrice*[26] u baned mill-Furjana u minn Birkirkara.[27] Il-poplu attenda bi ħġaru. Jidher għalhekk li l-Ġiljaniżi diġà kellhom ripensament, għalkemm tibqa' l-possibbilità li f'dan iż-żmien kienu jiċċelebraw żewġ festi. Nafu li l-festa ta' Santa Marija baqgħet tiġi ċċelebrata fil-knisja saħansitra wara t-twaqqif tal-Parroċċa, minn informazzjoni li wieħed isib fir-reġistri tal-ħlasijiet li kienu jsiru mill-Prokura tal-Lampier.[28]

Jidher li t-titular ta' San Ġiljan reġa' lura f'postu fl-aħħar tas-Seklu XIX. Ritratti bikrin tal-knisja f'dan iż-żmien juru lit-titular ta' San Ġiljan kif nafuh illum. Madankollu jidher li saru modifikazzjonijiet fih. Meta kienet qed tiġi rrestawrata l-volta artistika tal-knisja, proċess li ġie fi tmiemu fl-2003, il-kwadru kellu jinqala' minn postu. Fuq wara tat-tila nstab impitter: '*Gius. Cefail RESTAURÒ E MODIFICÒ 21/8/94*'.




*Firma fuq in-naħa ta' wara tat-tila tal-kwadru li juri li kien Giuseppe Cefail li mmodifika l-kwadru u kabbru sabiex jitpoġġa fil-prospettiva li naraw illum. Cefail lesta dan ix-xogħol f'Awwissu 1894, tliet snin wara t-twaqqif tal-parroċċa.*

Giuseppe Cefail kien artist attiv fl-aħħar nofs tas-Seklu XIX. Ma nafu xejn dwaru għajr li kellu studju tiegħu f'Nru 60, *Strada San Marco*, il-Belt Valletta. Ħa sehem fl-Esibizzjoni ta' Londra tal-1886 fejn esibixxa żewġ kwadri: 'Il-Mewt ta' Santu Wistin' u 'Elija l-Profeta'.[29] Fil-Knisja ta' San Ġiljan insibu tliet kwadri oħra iffirmati minn dan l-artist. Dawn huma: 'Il-Madonna tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù', li jinsab imdendel fis-sagristija tal-knisja u huwa ddatat 1895, 'Il-Madonna tar-Rużarju' ivvenerat fuq artal laterali fuq il-lemin tal-korsija u ddatat 1896 u ritratt (*portrait*) tal-Kappillan Dun Ġużepp Xerri li huwa ffirmat u mhux ddatat. Tal-aħħar jinsab fis-sagristija tal-knisja u ġie mħolli lilha mill-istess Dun Ġużepp fit-testment tiegħu.[30]

Dan jurina li l-modifikazzjoni tal-kwadru kienet l-ewwel kummissjoni li Cefail kellu għall-Knisja ta' San Ġiljan, u li dan sar ftit snin wara t-twaqqif tal-parroċċa u sena wara l-wasla tal-vara titulari fil-knisja.[31] Il-fatt li l-firma saret f'Awwissu turina li probabbilment dan tqiegħed f'postu għall-okkażjoni tal-festa titulari ta' San Ġiljan. Imma dan kien l-istess kwadru ta' Catalano? Il-fatt li l-kwadru ġie modifikat huwa biżżejjed sabiex naslu għall-konklużjoni li dan kien l-istess kwadru li sa mill-1596 kien ivvenerat fuq l-artal il-maġġur tal-Knisja ta' San Ġiljan. Ġie immodifikat biex jġib l-istess qies tal-kwadru tal-Assunzjoni tal-Verġni Marija li sar fl-1855 (it-tnejn iġibu l-qies ta' 335 x 89 ċm), u li l-probabbiltà kbira saret prospettiva ġdida għaliha fl-1855.

Tkun inizjattiva sabiħa li dan il-kwadru, li grazzi għal dan l-istudju tal-Professur Buhagiar issa nafu minn fejn oriġina u li huwa l-istess kwadru msemmi fil-viżti pastorali ta' diversi isqfijiet fil-knisja, mill-Isqof Gargallo fl-1601 'il quddiem, isir studju u intervent ta' restawr fuqu fis-snin li ġejjin sabiex il-partijiet oriġinali tiegħu, li soffrew tant għall-interventi u modifikazzjonijiet li saru fuqu tul erba' sekli ta' storja, jerġgħu jiġu għall-glorja oriġinali tagħhom u jerġgħu jattiraw l-istess ammirazzjoni kif attiraw minn dawn l-isqfijiet li dejjem iddeskrivewha b'aġġettivi mill-isbaħ.

**Referenzi**

[1] NIKI PAPAGIORCOPULO, *160 Sena Ilu: It-Tqegħid tat-Titular il-Ġdid ta' Santa Marija,* f'*Lapsi* (Awwissu 2015), 27-33.

[2] *L'Ordine*, 17.VIII.1855.

[3] MARIO BUHAGIAR, *Kwadri tal-Pittura fil-Knejjes tal-Kunċizzjoni u Ta' Lapsi,* f'*San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa 1891-1991*, Stanley Fiorini (Editur), Malta 1992, 183-213.

[4] Nirringrazzja lill-Professur Buhagiar tal-permess ġentili tiegħu sabiex l-istudju tiegħu jiġi ppubblikat fil-pubblikazzjoni *Lapsi.*

[5] MARIO BUHAGIAR, *Two Paintings for the Valletta Friary Churches: The Virgin of Porto Salvo and Santa Marija di Gesu`,* f'*Scientia et Religio Studies in memory of Fr George Aquilina OFM (1939-2012) Scholar, Archivist and Franciscan Friar,* J.Azzopardi (Editur), Malta 2014.

[6] Ara wkoll: http://www.treccani.it/enciclopedia/catalano-antonio-detto-l-antico-o-il-vecchio_(Dizionario-Biografico)/

[7] *Ibid.*

[8] Ara: http://mhs.eu.pn/hw/hw200903.html. Il-Konti Saverio Marchese (1757-1833) kellu interessi varji, fosthom il-poeżija, l-istorja, l-arkeoloġija, il-lingwa Maltija u speċjalment l-arti u l-istorja tal-arti lokali. Fost il-kontribuzzjonijiet tiegħu għall-istudju tal-arti f'Malta hemm kopja ta' test tas-Seklu XVIII li magħha żied in-noti tiegħu. Dan kien miġbur fl-1825. Il-manuskritt, MS 1123, fil-kollezzjoni tal-Librerija Nazzjonali huwa kopja tat-test *Uomini Illustri di Malta,* minn Fra Kapuċċin anonimu li jiġi jdentifikat ma' Dott. Bartolomeo Mifsud (1707-1781), magħruf l-aktar bħala Padre Pelagio. Dan hu kompendju ta' bijografiji qosra ta' artisti, skulturi u arkitetti Maltin u barranin li ħadmu Malta. Inkiteb bejn l-1762 u 1771.

[9] A(rkivju) A(rċiveskovili) M(dina), *VP 1588-1602*, 220r.

[10] AAM, *VP 1635-1637*, 231r.

[11] ALEXANDER BONNICI – MICHAEL J. SCHIAVONE, *Minn Publiju sa Pawlu*, Malta 2007, 11.

[12] AAM, *VP 1678-1680*, 389r.

[13] EUGENE F. MONTANARO, *Il-Bini mill-Ġdid tal-Knisja fl-1682, f'San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa 1891-1991*, Stanley Fiorini (Editur), Malta 1992, 132-147.

[14] AAM, *VP 1685-1687*, 580v.

[15] AAM, *VP 1722-1723*, 558r.

[16] ALEXANDER BONNICI – MICHAEL J. SCHIAVONE, *Minn Publiju sa Pawlu*, Malta 2007, 14.

[17] AAM, *VP 1728-1729*, f.713r.

[18] AAM, *VP 1758-1760*, 18v.

[19] AAM, *VP 1781*, 271r-272r.

[20] NIKI PAPAGIORCOPULO, *160 Sena Ilu: It-Tqegħid tat-Titular il-Ġdid ta' Santa Marija,* f'*Lapsi* (Awwissu 2015), 27-33.

[21] ALEXANDER BONNICI, *Il-Viċi-Parroċċa u l-Parroċċa ta' San Ġiljan: 1849-1942*, f'*San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa 1891-1991*, Stanley Fiorini (Editur), Malta 1992, 150.

[22] Ara FARRUGIA JONATHAN, *Santa Marija Assunta 160 Sena Patruna Speċjali tal-Gżejjer Maltin,* f'*Festa Santa Marija Imqabba* (Awwissu 2008) 165.

[23] *L'Ordine*, 17.VIII.1855.

[24] Ara: *The Malta Mail* 19.VIII.1842; *L'Ordine* 25.VIII.1852, 18.VIII.1854, 21.VIII.1857, 24.VIII.1860.

[25] ACHILLE FERRIS, *Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo*, Malta 1866, 326-7.

[26] Illum din il-banda ġġib l-isem 'King's Own'. Għandha s-*sede* tagħha fi Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta.

[27] *L'Ordine*, 31.VIII.1877.

[28] ASĠ, *Libro Esito: Amministrazione della Procura della Ven. Lampade della Chiesa Parrochiale di San Giuliano*, 1-31.

[29] MARIO BUHAGIAR, *Kwadri tal-Pittura fil-Knejjes tal-Kunċizzjoni u Ta' Lapsi, f'San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa 1891-1991*, Stanley Fiorini (Editur), Malta 1992, 183-213.

[30] N(otarial) A(rchives) V(alletta), Not. M.L. Casolani R.25/695 (4.x.1896).

[31] *L'Ordine*, 14.VIII.1893.